# LUX FILM DAYS

3 FILMS
24 LINGWA
28 PAJJIŻ

**TONI ERDMANN**
Maren Ade
il-Ġermanja, l-Awstrija, ir-Rumanija

LUX FILM PRIZE
IL-PARLAMENT EWROPEW
IMPENN FAVUR IL-KULTURA

10 years

Parlament Ewropew

# TONI ERDMANN

## FILM TA' MAREN ADE

Meta missier Ines, mara b'kariga ma' kumpanija kbira Ġermaniża bbażata f'Bucharest, imur iżurha mingħajr ma javżaha minn qabel, ma tiddejjaqx turih l-eżasperazzjoni tagħha. Ħajjitha tkun organizzata mija fil-mija, iżda meta missierha jistaqsiha tħosshiex kuntenta, Ines ma rnexxilhiex twieġbu, u dan joħloq taqlib kbir fiha. Missier, li jiffrustraha u jġiegħlha tistħi, jagħmel minn kollox biex din terġa' ssib is-sens f'ħajjitha, u jivvinta personaġġ: il-brikkun Toni Erdmann...

Għalkemm l-isfida drammatika tar-rakkont tikkonsisti l-aktar f'din ir-relazzjoni diffiċli, il-film fih daqqa komika mhux mistennija minħabba l-kapaċità tal-missier li jassumi rwoli assurdi u li b'dan il-mod jgħaddi biż-żmien lill-persuni fil-poter fl-ambjent tax-xogħol ta' bintu. Fl-aħħar nett, il-personaġġ iservi ta' indikatur tal-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi kbar li joħolqu dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet tal-globalizzazzjoni ekonomika.





## KUMMIEDJA BLA ĦSIEB

Meta ġie ppreżentat fil-Festival ta' Cannes 2016, *Toni Erdmann* saħħar kemm lill-kritiċi kif ukoll lill-pubbliku bl-umoriżmu grottesk tiegħu, u l-film spiss ġie meqjus bħala kummiedja għad li l-mumenti komiċi huma bla dubju inqas frekwenti milli wieħed jista' jistenna mal-ewwel daqqa' t'għajn. L-umoriżmu huwa madankollu punt ta' tluq faċli għall-film, u bi ftit riflessjoni jibdew joħorġu faċilment, fil-koppja kontrastanti tal-missier u bintu, il-figuri klassiċi taċ-ċirku: *Augusto* u l-buffu l-abjad.

Winfried, il-missier, jassumi b'mod viżibbli r-rwol tiegħu ta' buffu mal-attributi tradizzjonali ta' Augusto, l-irtokk eżaġerat, dentatura grotteska minflok l-imnieħer aħmar, il-parrokka, il-ħwejjeġ li jiġuh baħar, ċerta eżaġerazzjoni, impertinenza u guffaġni xi ftit jew wisq taparsi. L-għadd ta' azzjonijiet li jieħu biex jislet daħka immedjata bl-eżuberanza tiegħu, il-gaffes jew il-provokazzjonijiet lil sħabu meqjusa ftit jew wisq bħala vittmi.

Min-naħa l-oħra, bintu Ines għall-ewwel tidher bħala personaġġ estremament serju mingħajr ebda sens ta' umoriżmu, li tissaporti, mingħajr wisq paċenzja, l-imġiba mhux ortodossa ta' missierha. Hekk kif tiżvolġi l-istorja, joħorġu fid-dieher ir-rwol u l-potenzjal komiċi tagħha, b'mod partikolari meta tilqa' lill-mistednin tagħha għarwiena ħuta. Hawnhekk naraw f'Ines il-karatteristiċi tal-buffu l-abjad, b'mod partikolari dawk fiżiċi: Ines hi l-personaġġ li trid tibqa' impassibbli fi kwalunkwe ċirkostanza, dik li d-dehra tagħha tibqa' dejjem serja, dik li jeħtieġ tibqa' dinjituża. Fir-realtà, is-serjetà superfiċjali tagħha taħbi l-qawwa traġikomika.

## STORJA SERJA, JEKK MHUX DRAMMATIKA

Il-film, madankollu, mhuwiex film taċ-ċirku. Anzi, buffu fil-ħajja veru jista' jġiegħel lin-nies ta' madwaru jħossuhom skomdi, u fil-fatt hekk jiġrilu Winfried ma' bintu meta jidħol fid-dinja professjonali tagħha, u jiddestabbilizaha ripetutament fil-forma ta' Toni Erdmann. Nistgħu niftakru b'mod partikolari dik ix-xena li fiha Ines, wara ġurnata xogħol diffiċli, tkun f'ristorant ma' żewġt "iħbieb" u jitfaċċa missierha, liebes parrokka, u jagħmilha tabirruħu l-kowċ ta' Ion Tiriac. Jekk Toni jdaħħaq lill-ispettaturi u liż-żewġt "iħbieb", Ines, għall-kuntrarju, tidher skomda ħafna, u dan nifhmuh faċilment, minkejja li tipprova tidher kalma.

L-isfida drammatika tal-film tidher daqstant faċilment peress li missier u l-bint kienu tbiegħdu minn xulxin, u Ines kienet qed tgħix f'dinja kompletament differenti minn dik ta' missierha: jistgħu jerġgħu jingħaqdu jew jerġgħu jsibu lil xulxin qabel separazzjoni definittiva? Din l-isfida qawwija toħroġ b'mod ċar fil-bidu tal-film mal-mewt tal-kelb xiħ ta' Winfried, li jservi biex jixkatta l-istorja kollha: anke jekk dan mhuwiex spjegat espliċitament, dan jinftiehem faċilment li għall-missier dan





l-avveniment iservi ta' tfakkira li qed jixjieħ, u dan xprunah biex imur Bucharest biex jiltaqa' ma' bintu.

Barra minn hekk, il-film se jittanta lil din l-aspettattiva, billi jgħaqqad il-fatt li ż-żewġ personaġġi reġgħu sabu lil xulxin mal-mewt apparenti jew imħabbra tal-missier fit-trasvestiment tiegħu ta' Bulgaru: wieħed jaħseb li se jtih attakk tal-qalb minkejja li fl-aħħar mill-aħħar iqum, imbagħad għandna ellissi u bis-saħħa tagħha tibda x-xena li jmiss: il-wasla ta' bintu għal funeral li għal mument naħsbu li hu l-funeral tal-missier, qabel ma nsiru nafu li fil-fatt hija n-nanna li mietet. Il-kwistjoni ewlenija, il-mewt, għaldaqstant hija preżenti, anke jekk hija newtralizzata b'ħila permezz ta' din il-mossa fix-xeneġġatura: il-mewt tan-nanna tieħu post dik tal-missier, u hija inqas drammatika għall-ispettatur, li bilkemm ikun sar jafha.

## ID-DINAMIKA DRAMMATIKA

L-isfida drammatika tal-film hi ċara ħafna, iżda kull sekwenza għandha d-dinamika tagħha, ikkaratterizzata mill-konfront bejn il-missier u bintu, li b'mod reċiproku jippruvaw jieħdu vantaġġ simboliku fuq xulxin. Altru milli jfittxu r-rikonċiljazzjoni, fil-fatt għandhom relazzjoni ta' kunflitt impliċitu fejn wieħed jipprova jimponi ruħu fuq l-ieħor. Il-konfront, kif jesprimi Winfried, huwa bla dubju bbażat fuq il-valuri fundamentali tal-eżistenza, iżda malajr isir kunflitt ta' personalitajiet. U jekk Winfried donnu li jiddomina lil Ines minħabba l-istatura u s-sens ta' umoriżmu tiegħu, malajr nindunaw li hi kapaċi ttih ir-risposta u ddawwar is-sitwazzjoni favuriha: meta hu jgħidilha b'ironija f'waħda mill-ewwel xeni li kien għadu kemm sab bint sostituttiva, hija twieġbu bil-kalma kollha li għalija tajjeb, u li dan jiffrankalha li jkollha ċċempillu f'għeluq sninu! F'Bucharest ukoll, hija faċilment ittih ir-risposta meta jkellimha dwar il-kuntentizza u t-tifsira tal-ħajja: b'kalma mżewqa bi ftit ironija, hi tlumu tal-kliem tqil li juża u b'ħila kbira, iddawwar il-mistoqsija lura fuqu.

Wara, meta jidher fil-forma ta' Toni Erdmann, Winfried jirbħilha permezz tal-ġesti grotteski tiegħu u jirnexxielu jġiegħelha tħossha skomda f'diversi okkażjonijiet, matul ix-xena fir-ristorant diġà msemmija jew meta jitfaċċa fit-terrazzin tal-uffiċċji fejn ikollu l-wiċċ li juża kuxxin li jagħmel il-ħsejjes ta' gass uman!

Ines, minkejja l-apparenza petita tagħha, tiżvela ruħha bħala avversarju iebes, u pereżempju tieħu l-inizjattiva li tistieden lil missierha għal serata mal-ħbieb tagħha fejn hi tagħmilha tabirruħha li tikkonsma l-kokaina quddiemu u fejn il-kollega (u maħbub) tagħha iġib ruħu b'mod oxxen bi flixkun tax-xampanja muri b'mod falliku. L-attitudni kollha tagħha hija intiża sabiex tippreżenta lil missierha b'immaġni ġdida tagħha nnifisha, inkwetanti u mbiegħda ħafna minn dik ta' tifla ċkejkna li missierha ċertament kellu dwarha, u li ġġiegħlu jħossu skomdu f'dan l-ambjent li huwa fundamentalment barrani għalih. Ninnotaw, madankollu, li hi fil-verità ma tiħux vantaġġ tas-sitwazzjoni, u finalment tippreferi titlaq min-nightclub mingħajr ma tipprova tikseb rebħa simbolika: fl-aħħar mill-aħħar hija Ines li timxi d-distanza li kienet qed tisseparaha minn missierha.

Iżda qabel din ix-xena ta' rikonċiljazzjoni, il-logħob tal-poter jiżdied fl-intensità, partikolarment matul iż-żjara fis-sit tat-tħaffir għaż-żejt fejn hi tuża lil missierha biex tagħmel pressjoni fuq id-diriġent Rumen, sal-punt li ċajta goffa ta' Winfried tikkawża t-tkeċċija ta' wieħed mill-ħaddiema. Il-missier jinqabad fin-nassa tiegħu stess, dik tat-travestiment tiegħu, u bintu toqtlu simbolikament fil-karozza u tgħidlu li l-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż jinvolvi dan it-tip ta' tkeċċijiet ta' ħaddiema, minkejja s-sentimentaliżmu "ambjentalista" inġenwu tiegħu.

Mifxul, il-missier imur għaldaqstant għand dik ir-Rumena li kellu l-business card tagħha, u hemmhekk jagħmilha tal-Ambaxxatur Ġermaniż. Għal darb'oħra, il-logħob tal-poter jinqaleb, u bintu taqa' fin-nassa ta' din il-kummiedja u jkollha l-ewwel tpinġi fuq il-qoxra ta' bajda u wara taqla' l-garġi tkanta quddiem il-familja kollha. Iżda, b'ħafna dinjità, titlaq u tħalli lil missierha warajha.

## IR-RITMU U L-QOFOL TAL-FILM

B'dan il-logħob tal-poter, kull xena għandha d-dinamika tagħha b'mod li wieħed ma jkunx jista' jimmaġina kif se tispiċċa: rebħa għall-missier jew rebħa għal bintu? U jekk l-umoriżmu huwa preżenti sikwit, ninnotaw ukoll li r-reġista ma tiddejjaqx ittawwal diversi sekwenzi tal-film, li fil-fatt idum aktar minn sagħtejn u nofs: għalkemm il-parti l-kbira tal-ispettaturi jkollhom l-impressjoni li l-film huwa kummiedja, ix-xeni differenti huma ppreżentati kważi f'ħin reali, u dan jippermetti b'mod partikolari li tinħoloq ċerta skumdità. It-tensjoni ta' kull personaġġ tinħass f'diversi okkażjonijiet: fir-ristorant, fin-nightclub, fis-sit tat-tħaffir għaż-żejt, fil-familja Rumena..., anke jekk l-umoriżmu xi drabi jippermettilna nidħku. B'hekk, l-ewwel laqgħa fl-ambaxxata mas-CEO Henneberg li mbagħad jistieden lil missier Ines jieħu grokk ma' bintu, hija mimlija b'logħob moħbi rifless fl-espressjonijiet puliti: anke jekk, bħall-missier, ma nifhmux it-tifsira tagħha, ix-xena hija twila biżżejjed biex inħossu jinħoloq sens ta' skumdità kbira, speċjalment meta nimmaġinaw li Ines għamlet xi ċuċata (jew li daħlet fin-nassa tas-CEO).

Din it-tensjoni hija viżibbli ħafna anke fix-xena li hija l-qofol tal-film, il-festin bejn il-kollegi fejn kulħadd jispiċċa għarwien ħuta b'mod li l-ispettaturi lanqas jistgħu ma jidħkux! Lil hinn mill-aspett komiku, dan il-mument ta' qofol joħroġ ukoll it-tifsira profonda tal-film. Fil-fatt, fiha m'hemmx konfront bejn il-missier u bintu, u hija Ines li, sottomessa għal pressjoni psikoloġika, tiddeċiedi f'daqqa li tinża' u li tilqa' lill-mistednin għarwiena ħuta: dan il-ġest ċertament għandu tifsira metaforika, u din l-għera hija kemm fiżika kif ukoll morali. Ines tabbanduna il-falzitajiet li kienet tuża sa dak il-waqt f'dik id-dinja ta' illużjonijiet u gideb. U hija din ir-rinunzja li tippermettilha tasal għal rikonċiljazzjoni ma' missierha, li ftit wara jitfaċċa fl-aktar travestiment assurd possibbli! Nifhmu li jekk it-travestimenti ta' Toni Erdmann huma viżibbli u tad-daħk, dawk li jeżistu fid-dinja ta' Ines huma inviżibbli u drammatiċi u qed jivvelenawlha ħajjitha, sakemm hija tasal tiddeċiedi li taqbad direzzjoni ġdida.

Mhuwiex ċar jekk huwiex il-konfront ma' missierha li wassal għal din il-bidla fid-direzzjoni, u nistgħu naħsbu li l-akkumulazzjoni tal-gideb, perċettibbli matul il-film kollu, kellha rwol deċiżiv, b'mod partikolari meta d-diriġent tagħha jitlobha torganizza festin b'atmosfera suppost rilassata u maħsuba biex issaħħaħ ir-rabtiet fit-tim meta fil-verità naraw kif Ines tesperjenzaha bħala d-definizzjoni tal-ipokresija. Hemm xena oħra li toħroġ fid-dieher, b'mod partikolari, il-gideb u l-falzitajiet tad-diriġenti fil-livelli għolja ta' dan l-ambjent ta' negozju: il-kap tagħha, Gerald, jissuġġerilha wara laqgħa mas-CEO Henneberg li torqod ma' Tim, il-kollega Rumen, biex trattbu u tissaħħaħ l-istrateġija implimentata.... Ines hekk tagħmel fil-fatt, iżda malajr nindunaw li dan is-sieħeb Rumen diġà kien il-maħbub tagħha, u fil-kamra tal-lukanda fejn jiltaqgħu, hu jgħidilha li Gerald jaf bir-relazzjoni ta' mħabba tagħhom, li suppost kienet sigrieta. Kull wieħed minnhom għalhekk jilgħab logħba doppja jew tripla, imma huwa hawnhekk li Ines tixba' f'din is-sitwazzjoni kollha qerq: hi tirrifjuta li jkollha x'taqsam miegħu bl-iskuża li ma tixtieqx titlef il-"ġibda" tagħha, u titlob lill-maħbub tagħha jeġakula fuq il-gallettini żgħar imħollija mill-persunal tal-lukanda! Ix-xena hi farseska, iżda tirrifletti tajjeb l-ipokresija estrema u l-vjolenza morali li ssaltan f'dan l-ambjent ta' negozju li lest iġiegħel lit-tfajla tikkonċedi lilha nnifisha, u huwa dan li jwassal għall-ewwel ċaqliqa fl-identità tagħha.

## IR-RUMANIJA FL-ISFOND

Ir-reġista tiffoka l-aktar fuq ir-relazzjoni personali bejn it-tfajla u missierha, iżda tagħmel enfasi wkoll fuq ir-relazzjonijiet mad-diversi kollegi jew diriġenti. Għalkemm il-gideb li jaħbi logħob tal-poter evidenti jidher li jiddomina dan l-ambjent ta' negozju, il-ġeografija tal-postijiet turina kuntest soċjali ħafna usa': id-ditta ta' konsulenza fejn taħdem Ines fil-fatt għandha l-għan li tmexxi r-ristrutturazzjoni tal-industrija taż-żejt fir-Rumanija biex tagħmilha trendi aktar, anke jekk dan isir akkost ta' ħafna sensji. Iżda dan l-aspett jidher biss gradwalment, il-film jiffoka l-ewwel fuq il-postijiet privileġġati — ambaxxata, lukandi lussużi, uffiċċji ta' kumpaniji kbar, nightclubs... — li tiffrekwenta t-tfajla. Meta missierha jitlaq qabel ma



jerġa' jitfaċċa ftit wara bħala Toni Erdmann u hi ssellimlu mill-għoli tal-gallerija, il-kamera turina b'mod diskret in-naħa l-oħra tax-xenarju minħabba li mat-tarf tal-isfond naraw djar dilapidati u mdawra b'ħajt opak, li jidher li jagħmlu parti minn kwartier tal-agħar kwalità. Is-segregazzjoni soċjali hi viżibbli, u r-Rumanija "reali" tidher biss f'mumenti bħal meta Ines ikollha tirrikorri għand in-"nies tas-sengħa" lokali biex tiftaħ il-manetti li missierha jkun nesa ċ-ċwievet tagħhom!

Naturalment, huwa waqt iż-żjara fl-impriża tat-tħaffir għaż-żejt li d-differenza bejn iż-żewġ dinjiet toħroġ fid-dieher fil-brutalità kollha tagħha: wieħed jara hawnhekk il-konsegwenzi tal-pjanijiet li tħejjew u tad-deċiżjonijiet li ttieħdu fl-uffiċċji kummerċjali, li l-ħaddiema Rumeni ma jafu xejn dwarhom, minkejja li hemm il-futur tagħhom involut. Din id-disparità donnu li ma tantx tinkwetaha lil Ines, li meta tmur lura fil-karozza tiġġustifika din il-politika permezz tal-allegati vantaġġi għall-iżvilupp ekonomiku, u fit-tmiem il-film naraw ukoll li hi ma tkunx telqet b'mod definittiv mill-ambjent tan-negozju iżda sempliċiment biddlet il-kumpanija ta' konsulenza li taħdem magħha. Iżda l-perspettiva tagħna mhix dik ta' Ines, u d-deskrizzjoni ta' dak l-univers, tal-ipokresija u l-krudeltà tar-relazzjonijiet umani li joħorġu fid-dieher fiha jolqtuna!





## PUNTI TA' RIFLESSJONI

Apparti l-punti ta' analiżi msemmija hawn fuq, diversi aspetti tal-film *Toni Erdmann* jixirqilhom aktar riflessjoni.

Ir-relazzjonijiet bejn is-sess maskili u dak femminili wkoll huma relazzjonijiet ta' dominanza. F'din il-perspettiva, huwa interessanti li nanalizzaw ir-relazzjonijiet ta' Ines mal-kollegi u d-diriġenti tagħha: x'inhuma l-allużjonijiet tal-film fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn is-sessi? In-nisa huma kkunsidrati b'mod differenti mill-irġiel? U dawn id-differenzi huma espliċiti jew moħbija? Kif tiġi eżerċitata d-dominanza bejn is-sessi?

X'inhi eżattament l-istrateġija ekonomika murija f'*Toni Erdmann* ? X'inhu r-rwol tal-personaġġi differenti Ġermaniżi u Rumeni?

les grignoux

## 10 SNIN TA' ĊINEMA EWROPEA GĦALL-EWROPEJ

Il-Parlament Ewropew għandu l-unur jippreżenta t-tliet films li qegħdin jikkompetu għall-PREMJU LUX 2016:

**À PEINE J'OUVRE LES YEUX** ***(Hekk kif niftaħ għajnejja),***
film ta' Leyla Bouzid
Franza, it-Tuneżija, il-Belġju, l-Emirati Għarab Magħquda

**MA VIE DE COURGETTE** ***(Ħajti bħala Zukkini)***, film ta' Claude Barras
l-Iżvizzera, Franza

**TONI ERDMANN**, film ta' Maren Ade
il-Ġermanja, l-Awstrija, ir-Rumanija.

Dawn l-istejjer multidimensjonali, il-frott tad-dedikazzjoni u tal-kreattività bla qies ta' reġisti żgħażagħ Ewropej b'ħafna talent, se jintwerew waqt il-ħames edizzjoni tal-JIEM TAL-FILMS LUX.

## IL-PREMJU LUX

Il-kultura tiżvolġi rwol fundamentali fit-tiswir tas-soċjetajiet tagħna.

B'dan il-ħsieb, il-Parlament Ewropew nieda l-PREMJU LUX fl-2007 bl-għan li jtejjeb id-distribuzzjoni tal-films Ewropej fl-Ewropa u jqajjem dibattiti u diskussjonijiet fl-Ewropa kollha dwar kwistjonijiet ewlenin tas-soċjetà.

Il-PREMJU LUX hu inizjattiva unika. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-koproduzzjonijiet Ewropej jintwerew biss fil-pajjiż tal-oriġini u rarament jiġu distribwiti bnadi oħra, anke fi ħdan l-UE, il-PREMJU LUX joffri opportunità rari li tliet films Ewropej jiġu sottotitolati fl-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Ir-rebbieħ tal-PREMJU LUX se jintgħażel mill-Membri tal-Parlament Ewropew u jitħabbar nhar it-23 ta' Novembru 2016.

ARA,
IDDIBATTI
U VVOTA

## IL-JIEM TAL-FILMS LUX

Il-PREMJU LUX ta lok ukoll għall-JIEM TAL-FILMS LUX. Mill-2012, it-tliet films li jkunu qed jikkompetu għall-PREMJU LUX jiġu ppreżentati lil pubbliku Ewropew usa' fil-JIEM TAL-FILMS LUX.

Il-JIEM TAL-FILMS LUX huma stedina għal esperjenza kulturali memorabbli li tittraxxendi l-fruntieri. Bejn Ottubru u Diċembru 2016 tista' tingħaqad ma' dilettanti taċ-ċinema mill-Ewropea kollha u tassisti għall-wiri ta' *Hekk kif niftaħ għajnejja, Ħajti bħala Zukkini* u *Toni Erdmann* f'waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Tinsiex tivvota għall-film favorit tiegħek permezz tas-sit web tagħna luxprize.eu jew fil-paġna Facebook tagħna!

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-PUBBLIKU

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Pubbliku hija l-premju tal-għażla tal-poplu tal-PREMJU LUX. Tinsiex tivvota għal *Hekk kif niftaħ għajnejja, Ħajti bħala Zukkini u Toni Erdmann*! Jaf ikollok l-opportunità li tintgħażel biex tattendi l-Festival taċ-Ċinema Internazzjonali Karlovy Vary f'Lulju 2017 — fuq stedina tal-Parlament Ewropew — u tħabbar il-film rebbieħ tar-Rakkomandazzjoni tal-Pubbliku.

@luxprize

#luxprize

LUX
PRIZE
.EU

QA-04-16-594-MT-N



**REĠISTA**: Maren Ade

**XENEĠĠATURA**: Maren Ade

**ATTURI**: Sandra Hüller, Peter Simonischek, Michael Wittenborn, Thomas Loibl, Trystan Pütter, Lucy Russell, Hadewych Minis, Vlad Ivanov, Victoria Cocias

**DIRETTUR TAL-FOTOGRAFIJA**: Patrick Orth

**PRODUTTURI**: Janine Jackowski, Jonas Dornbach, Maren Ade, Michel Merkt

**PRODUZZJONI**: Komplizen Film

**KOPRODUZZJONI**: Coop99 Filmproduktion, KNM, Missing Link Films, SWR/WDR/Arte

**SENA**: 2016

**TUL**: 162’

**ĠENERU**: Rumanz

**PAJJIŻI**: il-Ġermanja, l-Awstrija, ir-Rumanija

**VERŻJONI ORIĠINALI**: il-Ġermaniż, l-Ingliż

